MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2004

Numru 1/2004

Fl-atti tan-Nota ta’ l-Ufficjal tal-Probation
Marianne Zammit tas-16 ta’ Settembru, 2003

Il-Qorti;

Rat in-Nota ta’ l-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit li permezz taghha ghamlet denunzja ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema Nota tinsab a fol. 1 ta’ dan l-inkartament;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija tad-19 ta’ Settembru, 2003 a fol. 7 ta’ dan l-inkartament;

Rat ukoll ir-risposta ta’ Mark Dimech tal-20 ta’ Ottubru, 2003 li tinsab a fol. 8 tal-process;

Semghet ix-xhieda kollha illi gew prodotti, rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Il-Qorti rat il-verbal taghha tas-26 ta’ Marzu, 2004 li permezz tieghu Dr Zammit Louis ghal Mark Dimech irrileva illi ai termini tas-sentenza li tinsab esebiti a fol. 25 et seq ta’ dan l-inkartament jirrizulta illi Mark Dimech kien ammetta f’dawk il-proceduri l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u l-Qorti kienet ghaddiet ghas-sentenza taghha a bazi ta’ dik l-ammissjoni totali u ghalhekk il-prezentata ta’ din id-denunzja hija proceduralment irrita u nulla stante illi l-Qorti fil-proceduri imsemmija kienet ittrattat ma Mark Dimech ghall-ksur ta’ l-ordni tal-probation imsemmi fin-Nota tal-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit u dan ai termini tal-Artikolu 23 (1) (a) tal-Kap. 446 u sussegwentement jekk din il-Qorti tittratta ma Mark Dimech ghall-allegat ksur ta’ l-imsemmija ordni ta’ probation Mark Dimech ikun qieghed jigi jerga iggudikat dwar l-istess allegat ksur ta’ l-imsemmija ordni ta’ probation.

Illi l-Ufficjal Prosekutur irribatta din is-sottomissjoni tad-difiza fis-sens illi fis-sentenza taghha il-Qorti tal-Magistrati ma kienitx iccittat l-Artikoli relattivi ghal dak l-allegat ksur ta’ probation u ghaldaqstant fl-opinjoni tal-Prosekuzzjoni f’dik is-sentenza Mark Dimech ma giex misjub hati ta’ l-allegat ksur ta’ probation.

Illi inoltre il-Prosekuzzjoni irrilevat illi dan is-smigh gie inizjat permezz ta’ talba ghal denunzja mill-Probation Officer Marianne Zammit u ghaldaqstant m’humiex cirkostanzi fejn Mark Dimech qieghed jigi akkuzat bi ksur ta’ l-istess ordni ta’ probation ghal aktar minn darba.

Illi ghal din il-fini il-Qorti ezaminat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani, liema sentenza inghatat fit-28 ta’ Gunju, 2002 u rat illi effettivament irrizulta illi l-imputat Mark Dimech f’dawk il-proceduri kien ammetta illi kien kiser il-provvediment tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza 7 ta’ Lulju, 2001 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn hu gie misjub hati ta’ reat u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.  Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza taghha, wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat Mark

Dimech, ikkundannatu erbaghtax il-xahar prigunerija ghar-reati illi kien ikkommetta, irrendiet operattiva is-sentenza sospiza u ikkundannatu ghal xahar iehor prigunerija.

Illi huwa minnu illi ma jissemmewx l-Artikoli tal-Kap. 446, dak iz-zmien il-Kapitolu 152, f'dik is-sentenza izda pero' il-Qorti semmiet l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 u ikkomputat il-piena permezz ta' din is-sentenza.

Illi l-fatt illi dik il-Qorti ma semmietx l-Artikoli tal-Kapitolu 446, dak iz-zmien 152, se mai il-Prosekuzzjoni setghet tappella minn dik is-sentenza, izda pero' jirrizulta illi is-sentenza ma gietx appellata u illum il-gurnata ghaddiet in gudikat u permezz ta' din is-sentenza, illi illum hija wahda definittiva, il-Qorti kienet ghaddiet sabiex ikkundannat lil Mark Dimech ghall-ksur tal-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 152.

Illi l-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit issa qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex tapplika l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 illi jirrigwarda ksur ta' l-ordni ta' probation.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat is-sentenza ta' l-Qorti Kostituzzjonali datata 4 ta' Awissu, 1999 fl-ismijiet Ivan Fenech kontra Avukat Generali illi ittrattat il-punt dwar jekk Qorti tistax tordna illi sentenza sospiza tigi fis-sehh meta dan il-punt ikun diga gie b'xi mod trattat minn Qorti ohra.

Illi huwa minnu illi f'dan il-kaz si tratta mhux ta' sentenza sospiza, izda ta' ordni ta' probation, izda il-Qorti qeghda b'anologija tapplika l-istess principju illi applikat il-Qorti Kostituzzjonali f'dan il-kaz.

Illi f'dik is-sentenza il-Qorti Kostituzzjonali spjegat b'mod car hafna il-posizzjoni legali f'kaz bhal dan u qalet hekk :
"Biex taghmilha cara din il-Qorti mhuwiex qieghed jinghad illi meta jkun hemm vjolazzjonijiet multipli u mhux fl-istess kuntest ta' zmien u kawzi ta' ordni ta' sentenza sospiza f'kull kaz ghandha tigi applikazzjoni is-sanzjoni kontemplata mil-Ligi billi is-sentenza sospiza tigi attivata aktar minn darba. In fatti qed taghmilha cara din il-Qorti illi una volta attivata s-sentenza sospiza minhabba li jkun

gie kommess reat punibbli bi prigunerija fil-perjodu operattiv taghha l-istorja tieqaf hemm, anke jekk jirrizulta li fl-istess perjodu operattiv gew kommessi vjolazzjonijiet konsistenti f'reati ohra punibbli bi prigunerija, jigifieri una volta stabbilit il-ksur, una volta stabbilit li gie kommess reat iehor punibbli bi prigunerija fil-kors tal-perjodu operattiv ta' l-ordni tas-sentenza sospiza, jekk minhabba f'hekk dik is-sentenza sospiza tigi attivata certament mhuwiex il-kaz li f'kazijiet sussegwenti fejn ic-cirkostanzi huma simili, cioe' fejn jirrizulta ksur ta' l-istess sentenza sospiza jerga jigi ri-attivat dak li fil-fatt huwa gja attivat. Dana johrog mhux biss bhala ezercizzju ta' logika imma anke minn dak li jipprovdi l-Artikolu 28 (b) (1) tal-Kodici Kriminali."

Illi fil-kaz odjern, kif diga inghad, il-Qorti tal-Magistrati diversament presjeduta diga' ittrattat ma Mark Dimech ghall-ksur ta' din l-ordni tal-probation u ghalhekk l-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit ma setghet taghmel l-ebda denunzja talli Mark Dimech allegatament rega' kiser l-imsemmija ordni ta' probation, peress illi huwa diga gie trattat minn Qorti ohra dwar il-ksur ta' l-imsemmija ordni ta' probation.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tan-Nota tal-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit tas-16 ta' Settembru, 2003.

(ft) Rita Mangion
Deputat Registratur

Vera kopja,

Rita Mangion
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Bhala Qorti Istruttorja**
**Magistrat Dr. Abigail Lofaro, LL.D. Dip. Stud. Rel.**
**Mag Juris (Eur Law)**

Il-Pulizija
(Spettur Pio Pisani)
(Supretendent Bertu Mula)
vs
Joseph Neville Fenech et
Illum,

, bil-Malti u bil-gurament u fil-prezenza tal-imputat jghid :

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' dettata mill-Qorti fil-prezenza tieghu u fil-prezenza tal-imputat.

Magistrat

Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi t-traskrizzjoni tat-tape.

Daniela Cachia
Traskrittur